**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 488/2018 AF**

**Cantieri Navale Basilio Postigliole S.r.l. (socjetà registrata l-Italja bil-kodici finali 08322551212) u bid-digriet tal-24 ta' Mejju 2018, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li jrid jaqra "Cantiere Navale Basilio Postiglione S.r.l."**

**vs**

**MY Bizzy (registrat f'Antwerp, Belgju bin-numru 57505) u li fis-16 ta' Mejju 2019 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jissejjhu fil-kawza Gordon Debono u Salvatore Montagna**

**u b'digriet fil-verbal tal-11 ta' Gunju 2019 il-Qorti irrevokat is-sejha fil-kawza ta' Gordon Debono u Salvatore Montagna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti hija kreditrici tal-yacht intimat fis-somma ta' mja u wiehed u tletin elf seba' mija u sittin Ewro (€131,760.00) rapprezentanti prezz ghal xogholijiet u servizzi mwettqa fuq il-motor yacht "Bizzy" jew in konnessjoni mieghu, u dan kif jidher mill-fattura li qed tigi esibita bhala Dok. A u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Dan il-yacht huwa proprjetà ta' Marie Louise Attard li baqghet ma hallsitx l-ammont dovut minkejja li giet interpellata sabiex thallas b'ittra bonarja datata 7 ta' Dicembru 2017 (Dok. B).

Minhabba f'hekk is-socjetà rikorrenti arrestat il-yacht intimat fl-ibhra Maltin permezz ta' mandat ta' arrest numru 683/2018.

Minkejja dan il-kreditu tas-socjetà rikorrenti xorta wahda baqa' ma thallasx u ghalhekk qed issir dina l-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' €131,760.00 dovuta lilha minnu bhala prezz ghax-xogholijiet u servizzi mwettqa fuqu jew in konnessjoni mieghu.

Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat fuq imsemmija.

L-intimat huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-yacht intimat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom ghar-ragunijiet kif hawn aktar ʽl isfel elenkati:

Fl-ewwel lok, in linea preliminari, bis-sahha tal-art. 961 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu msejha fil-kawza Gordon Debono (K.I. nru. 234574(M)) u Salvatore Montagna bhala l-persuni li, minghajr il-kunsens tal-intimat u/jew ta' sid l-istess, talbu ikkuntrattaw u ottjenew ix-xogholijiet mertu tal-proceduri odjerni.

Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall-premess, gialadarba d-dokumenti li fuqhom ir-rikorrenti ssejjes ir-reklam odjern ma humiex indirizzati lill-intimat, ir-rikorrenti ma setghetx tipprocedi b'azzjoni *in rem*, kif fil-fatt ipprocediet.

Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti jehtieg dejjem juri li r-rekwiziti mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni tieghu bhala azzjoni in rem skond l-art. 742D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu sodisfatti.

Fir-raba' lok, ukoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall-premess, partikolarment ghad li Cantiere Navale Basilio Postiglione S.r.l. hija kumpannija estera, r-rikorrenti jehtigilha tressaq prova tal-mandat moghti sabiex jitwettaq id-dispost tal-art. 156(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tar-rizoluzzjoni illi bis-sahha taghha inghat tali mandat.

Fil-hames lok, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, ir-rikorrenti dejjem jehtigilha tressaq prova tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet reklamati, tal-ftehim governanti l-istess, tal-fatturat individwali komponenti r-rendikont mehmuz mar-rikors mahluf, u taz-zmien li fih gew allegatament imwettqa.

Fis-sitt lok, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu la l-intimat u wisq anqas sid l-istess qatt ma talbu, ikkuntrattaw u/jew awtorizzaw, jew setghu jitolbu, jikkuntrattaw u/jew jawtorizzaw ix-xogholijiet mertu tal-proceduri biex b'hekk il-pretensjoni odjerna ma tistax tissussisti fil-konfront tal-intimat odjern.

Fis-seba' lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat ma ghandu jhallsu xejn lir-rikorrenti.

Fit-tmien lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti jibqghu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi, u jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bir-riferenza numru 683/2018 u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimat.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża *in rem* għall-ħlas ta' xogħlijiet esegwiti u servizzi mwettqa fuq il-yacht intimat. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-yacht intimat iħallas is-somma ta' €131,760 bħala ħlas għal dawn ix-xogħlijiet u servizzi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet wettqet diversi xogħlijiet u servizzi fuq il-yacht intimat. Skont is-soċjetà attriċi, dawn ix-xogħlijiet ġew esegwiti ġewwa Napoli, l-Italja, f'April 2016, wara ftehim milħuq bejn is-soċjetà attriċi, il-kaptan tal-yacht intimat li kien jismu Salvatore Montagna u sid il-yacht. Il-yacht intimat huwa proprjetà ta' Marie Louise Attard u fil-fatt il-fattura mertu tal-kawża ġiet indirizzata lilha. Madanakollu, hija qed tirrifjuta li tħallas. Il-Qorti tinnota li l-yacht intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu li ser jiġu indirizzati kif ġej.

In linea preliminari, il-yacht intimat jeċċepixxi li għandhom jiġu msejħa fil-kawża Gordon Debono u Salvatore Montagna bħala l-persuni li mingħajr il-kunsens ta' sid il-yacht talbu u kkuntrattaw ix-xogħlijiet in kwistjoni. Madanakollu, it-talba tal-yacht intimat

u konsegwentement din l-eċċezzjoni, ġew irtirati minn Dr. Roberto Montalto fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2019.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu, il-yacht intimat jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi ma setgħetx tipproċedi *in rem* stante li l-fattura li fuqha qed tippretendi ħlas hija indirizzata lil sid il-yacht u kif ukoll li s-soċjetà attriċi trid iġġib prova li jissussistu r-rekwiżiti sabiex tirnexxi l-azzjoni *in rem* skont l-artikolu 742D tal-Kap. 12.

L-artikolu 742B tal-Kap. 12 jistipula li:

> *"Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament jiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:"*

Fost dawn l-istanzi, is-segwenti sub paragrafu huwa ta' rilevanza diretta għall-kawża odjerna:

> *"(p) kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta' vapur;"*

Skont l-artikolu 742D, il-ġurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati tagħna tissussisti fejn:

> *"Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –*
>
> *(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*

*(b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."*

Isegwi għalhekk illi a tenur tal-artikolu 742D(a) tal-Kap. 12, kreditur ikollu dritt għal azzjoni *in rem* kontra bastiment:

1. Fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għall-azzjoni *in personam* kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-bastiment jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* ta' dak il-bastiment; jew

2. Fil-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fejn hawn jista' s-sid ikun għalhekk ieħor fil-mument meta tinfetaħ il-kawża. L-artikolu 50 tal-Kapitolu 234 jispeċifika li:

"*Il-krediti speċifikati hawn taħt jiġu garantiti permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dħul minn xi indennizz li jinħoloq minn kolliżjonijiet u disgrazzji oħra magħdud kull dħul mill-assigurazzjoni....*"

Peress illi l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-artikolu 50 tal-Kap. 234 ma huwa rilevanti għall-każ odjern, mhuwiex il-każ li din il-Qorti tidħol fihom.

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti ġie muri li s-soċjetà attriċi għandha jedd ta' azzjoni *in rem* kontra l-yacht intimat in kwantu li hija qed tippremetti li l-persuna responsabbli għall-azzjoni *in personam* hija sid il-yacht Marie Louise Attard li kienet ukoll sid il-yacht meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni.

Permezz tal-aħħar eċċezzjoni preliminari tiegħu, il-yacht intimat jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi trid iġġib prova tal-mandat illi hija tat lill-prokuratur speċjali tagħha Dr. Robert Tufigno. Din l-

eċċezzjoni wkoll hija sorvolata in kwantu li s-soċjetà attriċi preżentat kopja tal-prokura speċjali li hija tat lir-rappreżentant tagħha Salvatore Garofalo, ċittadin Taljan, li da parti tiegħu kkonferma li l-attriċi kienet inkarigat lil Dr. Robert Tufigno sabiex jipproċedi bl-arrest tal-yacht u sussegwentement b'din il-kawża. Ma hemmx bżonn ta' prova oħra tal-mandat lil Dr. Tufigno, liema mandat fuq kollox jista' jingħata wkoll verbalment.

Fil-mertu, il-yacht intimat jeċċepixxi li s-soċjetà attriċi trid iġġib prova tax-xogħlijiet li tgħid illi wettqet u meta twettqu u kif ukoll dwar il-ftehim bejn il-partijiet.  Jeċċepixxi wkoll illi sid il-yacht qatt ma talbet, awtorizzat jew ikkuntrattat mal-attriċi għax-xogħlijiet li tagħhom l-attriċi qed tippretendi ħlas u li allura l-yacht intimat mhuwiex debitur tal-attriċi.

Kif diġà ntqal, il-yacht intimat ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu.  Da parti tagħha, is-soċjetà attriċi ressqet xhieda, permezz ta' affidavit, tar-rappreżentant tagħha Salvatore Garofalo, kif ukoll ta' Salvatore Montagna li kien kaptan tal-yacht intimat fiż-żmien illi seħħew dawn ix-xogħlijiet.  Dawn spjegaw kif ix-xogħlijiet in kwistjoni ġew maqbula ma' sid il-yacht li kienet qed tinżamm infurmata dwar x'kien qiegħed isir u fhiex waslu x-xogħlijiet u li kien biss meta x-xogħlijiet tlestew li l-attriċi bdiet tirrifjuta li tħallas.

Fil-każ tal-lum il-Qorti hija sodisfatta mill-provi, liema provi bl-ebda mod ma ġew kontradetti mill-yacht intimat, li x-xogħlijiet in kwistjoni fil-fatt saru fuq l-istess yacht u sid il-bastiment mhux biss kienet taf, imma tat il-kunsens tagħha sabiex isiru, u llum qiegħda tirrifjuta li tħallas mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-yacht intimat, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-yacht intimat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed u tletin elf seba' mija u sittin Ewro (€131,760) dovuta lis-soċjetà attriċi bħala prezz għax-xogħlijiet u servizzi mwettqa fuq il-yacht intimat jew in konnessjoni miegħu, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-yacht intimat.

IMHALLEF

DEP/REG